V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10385 — Genstar Capital/TA Associates/20-20/Compusoft)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 406/06)

1. Fl-1 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Genstar Capital Partners, LLC ("Genstar", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— TA Associates Management, L.P ("TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— 20-20 Technologies, Inc. ("20-20", il-Kanada), li bħalissa hija kkontrollata biss minn Genstar Capital,

— Compusoft AS ("Compusoft", in-Norveġja), li bħalissa hija kkontrollata biss minn TA Associates.

Genstar Capital u TA Associates jakkwistaw indirettament, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' 20-20 u Compusoft magħqudin. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' bejgħ u xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Genstar Capital: investimenti ta' ekwità privata f'kumpaniji tas-suq medju fis-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġija industrijali u l-industriji tas-software;

— TA Associates: investimenti ta' ekwità privata f'kumpaniji attivi f'industriji magħżula, inklużi s-servizzi tan-negozju, il-konsumaturi, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa u t-teknoloġija;

— 20-20: software għal disinjaturi professjonali, bejjiegħa bl-imnut u manifatturi fl-industriji tad-disinn intern u tal-għamara b'applikazzjonijiet li jippermettu lill-klijenti tagħhom joħolqu, jiddisinjaw, jivviżwalizzaw, jipprezzaw u jbigħu kċejjen, kmamar tal-banju, closets u uffiċċji kummerċjali lill-konsumaturi aħħarin;

— Compusoft: soluzzjonijiet ta' software integrati li jippermettu lill-klijenti jipprovdu servizzi lill-konsumaturi finali mid-disinn sal-installazzjoni ta' spazju tal-konsumatur/residenzjali u proġetti ta' disinn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10385 — Genstar Capital/TA Associates/20-20/Compusoft

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË